



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

12805/23

**LIMITE**

**CSC 431  
ESPACE 49  
CSCI 165**

### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' neozjati f'isem I-Unjoni Ewropea għal ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika li jistabbilixxi proċeduri ta' sigurtà għall-illançjar mit-territorju tal-Istati Uniti ta' satelliti Galileo

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta'...**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea  
għal ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika li jistabbilixxi proċeduri ta' sigurtà  
għall-illanċjar mit-territorju tal-Istati Uniti ta' satelliti Galileo**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika li jistabbilixxi proċeduri ta' sigurtà għat-tnedija ta' satelliti Galileo mit-territorju tal-Istati Uniti.
- (2) Wara l-irtirar unilaterali tal-persunal Russu miċ-Ċentru Spazjali tal-Guyana u li ġie kkanċellat l-illanċjar ta' żewġ Soyuz f'April u Settembru 2022, kif ukoll id-dewmien imħabbar ta' Ariane-6, l-Unjoni kellha ssib alternattivi biex terġa' tibda b'mod urġenti l-illanċjar tas-satelliti Galileo sabiex tiżgura t-tħaddim xieraq tas-sistema Galileo, li tagħmel parti mill-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/696 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-implementazzjoni tal-Programm tal-Ispazju tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali.
- (4) Wara t-twettiq ta' studji tekniċi ta' fattibbiltà dwar lanċjaturi oħra disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-uniċi lanċjaturi kompatibbli mas-satelliti Galileo huma pprovduti mill-manifatturi tal-Istati Uniti.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

- (5) F'Jannar 2023, il-Kummissjoni, flimkien ma' esperti tas-sigurtà maħtura minn diversi Stati Membri, wettqet żjara ta' siti ta' llanċjar fl-Istati Uniti. Iż-żjara aċċertat il-fattibbiltà tal-illanċjar minn dawk is-siti fl-Istati Uniti b'miżuri ta' sigurtà xierqa fir-rigward tal-materjal u d-dokumentazzjoni sensittivi mill-perspettiva tas-sigurtà tas-satelliti Galileo, inkluż informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea (“informazzjoni klassifikata tal-UE”).
- (6) Bil-ħsieb li tīgħiż għażiex s-sigurtà tal-informazzjoni inkluża fis-satelliti Galileo, huwa meħtieġ ftehim legalment vinkolanti mal-Istati Uniti għall-protezzjoni tal-integrità tas-satelliti Galileo fit-territorju tal-Istati Uniti u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni klassifikata tal-UE li ma tistax tīgħi rilaxxata lill-Istati Uniti li tinsab fis-satelliti jew relatata mal-illanċjar tas-satelliti.
- (7) Kwalunkwe skambju jew għoti ta' informazzjoni klassifikata bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti għall-finijiet tal-illanċjar ta' satelliti Galileo jrid jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni klassifikata<sup>1</sup> u l-arranġament tas-sigurtà tagħha<sup>2</sup>,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ġu L 115, 3.5.2007, p. 30.

<sup>2</sup> Id-dokument ST 12142/07, disponibbli fir-reġistru pubbliku tal-Kunsill.

### *Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ in-negożjati, f'isem l-Unjoni, għal ftehim internazzjonali mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-proċeduri ta' sigurta għall-illançjar mit-territorju tal-Istati Uniti ta' satelliti Galileo tal-ewwel ġenerazzjoni.
2. In-negożjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan nominata bħala n-negożjatur tal-Unjoni.

### *Artikolu 3*

1. In-negożjati msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jitmexxew fkonsultazzjoni mal-Kunitat tas-Sigurta tal-Kunsill, li huwa b'dan maħtur bħala l-kunitat speċjali fis-sens tal-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mad-direttivi li jinsabu fl-addendum ma' din id-Deċiżjoni, soġġett għal kwalunkwe direttiva li l-Kunsill jista' sussegwentement joħroġ lill-Kummissjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovi lill-Kunitat Speċjali tal-Kunsill l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun jista' jimmonitorja l-progress tan-negożjati, inkluż ir-rappurtar dwar l-eżitu tan-negożjati minnufih wara kull sessjoni ta' negozjati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fī ...,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

